VALLETTA
*Città Umilissima*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 25

19 ta' Frar 2026

Il-Kunsilli Lokali Valletta Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 33-36, Triq it-Teżorerija (Misraħ ir-Repubblika), Valletta, fis-17.00hrs.

**PREŻENTI:**

Olaf McKay – Sindku
Ylenia Montfort – Minority Leader
Alfred Zammit- Viċi Sindku
Raymond Azzopardi – Kunsillier
Daniel Diacono – Kunsillier
Roberta Bonello -Kunsilliera
Vincent Fabri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI:**
Roberta Bonello Felice

**ASSENTI**
NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Olaf McKay ippresjeda l-laqgħa.

## 25.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

25.0.1 Roberta Bonello Felice

## 25.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

25.1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 24 kienu ikkonfermati

## 25.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

25.2.1 Is-Sindku Olaf Mckay preżenta mozzjoni bit-titlu *aċċess ta' vetturi it-Tnejn u l-Ħamis* għalkemm is-sekondant Dr. Roberta Bonello Felice ma kinitx preżenti, l-membri tal-kunsill xorta ddiskuta l-mozzjoni.

Il-Viċi Sindku Alfred Zammit wera t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' infurzar minħabba li qed ikun hemm karozza fiċ-ċentru pedonali barra l-ħin tal-ftuħ taċ-ċentru. Isuġġerrixxa li minflokk it tnejn u lhamis wara nofsinhar għandu issir suġġeriment biex is-Sibt filgħodu u l-Ħadd filgħodu jkun hemm aċċess għal vetturi fiċ-ċentru.

Il-Kunsillier Raymond Azzopardi kwota il-legal notice annessa u informa li il-kunsill lokali ma jistax jahdem fuq mozzjoni bħal din mingħajr ma' jikkonsulta ma' transport Malta.

Il-Kunsill qabel li għandu jittieħed parir dwar ulterjuri dwar din il-mozzjoni.

25.2.2 Is-Sindku Olaf Mckay rċieva stedina biex erbgħa dellegati jattendu konferenza ġewwa Chengdu iċ-Ċina. Din ser issir bejn it-13 u s-16 ta' Mejju 2026, min hu interessat għandu jinforma is-Segretarju Eżekuttiv.

25.2.3 Is-Sindku Olaf Mckay informa li għandu proposta mingħand it-*teen club* biex jingħataw għajnuna finanzjarja biex titħallas ġita għal Għawdex, il-kunsill kollu qabel dwar dan.

25.2.4 Is-Sindku Olaf Mckay preżenta proposta ppreżentata mis-Sur Chiro biex triq fil-Belt Valletta tisemma għal Dr Alberta Ganado, il-kunsill iddeċida li jħalli din il-proposta pendenti għalissa.

25.2.5 Is-Sindku Olaf Mckay propona biex jingħata sponsor lil Valletta Tottenham Club biex jinxtraw trophies għal kompetizzjoni tad-darts.

25.2.6 Is-Sindku Olaf Mckay preżenta proposta ta' stedina biex iżur Nis ġewwa s-Serbia, il-kunsill ma qabilx li s-Sindku għandu jaċċetta din l-istedina.

## 25.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

25.3.1 nil

## 25.4 Rapporti

NIL

## 25.5 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

25.5.1 Il-vici Sindku Alfred Zammit preżenta proposta biex tinbgħat ir-Regjun Port biex tintalab għajnuna finanzjara biex jittela' avveniment nhar l-20 ta' Ġunju 2026. Il-kunsill qabel li din il-proposta ghandna tintbgħat ir-Regjun Port għall-approvazzjoni tal-fondi.

25.5.2 Il-Kunsillier Daniel Diacono preżenta proposta biex tintbgħat il-Planning Authority biex l-għaqda tal-festi tal-Karmnu *"Għaqda Festa Madonna tal-Karmnu Valletta"* jkunu jistgħu japplikaw għal fond tal-Planning Development Fund sezzjoni NGO's. Il-Kunsill kollu qabel dwar din il-proposta.

25.5.3 Il-kunsillier Daniel Diacono nforma li ltaqgħa ma' Alfred Fenech u wassal ir-ringrazzjment tiegħu għal proposta biex ikun parti mill-kumittat tal-isports.

25.5.4 Il-Kunsillier Daniel Diacono nforma dwar il-pjan għal festeġġamenti għal 460 sena ta' jum il-fondazzjoni tal-Belt Valletta. Hu nforma kif ser ikunu mqasmin minn April sa Dicembru 2026. F'April ser ikun hemm l-għotja ta' ġih il-Belt, ser ikun hemm tneddija tal-ktieb (id-data għadha trid tiġi kkonfermata), ser ikun hemm żewġ avvenimenti mużikali li ser jitellgħu mill-King's Own u La Vallette bejn Ġunju u Settembru u f'Novembru ser ikun hemm it-tneddija tal-inciklopedija li nkitbet minn Vince Zammit. Tqajmet diskussjoni dwar il-publikazzjoni tal-inciklopedija minħabba l-fatt li l-kunsill għandu bżonn għajnuna finanzjara biex dan jiġi ppublikat, għalhekk ġie ssuġġerit li l-inċiklopedija tista' tkun provduta wkoll b'mod elettroniku. Il-kunsill kollu qabel li għandhom jiġu ppublikati numru zgħir ta' kotba li għandhom jiġu nnumerati.

25.5.5 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi preżentat talba biex jiġu installati CCTV cameras solari, ġewwa l-fossa. Il-kunsill qabel u għalhekk dawn ser jiġu installati.

25.5.6 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li ser ikun qed jorganizza ħarġa għal jum il-Mara, ġewwa ir-Rabat, bil-gwida li ser ikun is-Sur Vince Zammit u fl-aħħar jispiċċa b'ikla. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

25.5.7 Il-Minority leader ylenia montfort staqsiet dwar il-monitors li kien hemm fl-ufficju tas-segretarju ezekuttiv, is-sindku Olaf Mckay informa li dawk ser jitqssmu lill-NGO's Beltin.

25.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta proposta mill-Arċikonfraternita tas-Santissmu Kurċifiss biex il-kunsill jgħin bħal snin preċedenti fi żmien ir-Randan. Il-kunsill kollu qabel dwar dan.

25.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta talba biex il-kunsill jagħti għajnuna finanzjara lil grupp li jarma l-aħħar Ċena ġewwa il-Paroċċa ta' San Duminku. Il-kunsill kollu qabel dwar dan.

25.5.10 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat proposta biex Filippe Agius jippreżenta tpinġija lill-kunsill lokali. Il-kunsill kollu qabel dwar dan.

25.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kellha laqgħa ma' Infrastructure Malta u gew diskussi *extensive patching* mad-dawra tal-Belt, wiċċ ġdid u servizzi ġodda fi triq Sant Ursula u fi triq nofsinhar jinbidel il-paviment.

25.5.12 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat il-ftuħ tar-rapport tas-sejħa għall-offerti bit-titlu Street Lighting system in various roads in Valletta. Hija nfurmat li kien hemm sottomissjoni waħda minn Electrical supplies and services Limited. Il-kunsill kollu qabe dwar dan.

25.5.13 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentata żewġ *maintenance agreements* għal cameras li għandna madwar il-Belt. Hija nfurmat li dawn ma ġewx preżentati lil kunsill qabel minħabba l-fatt li l-kunsill ma kienx f'pożizzjoni finanazjara tajba biex jitħol f'arranġament dwar dan. Il-kunsill kollu qabel dwar dan.

25.5.14 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-*unaudited financial statements* tas-sena 2025, hija qrat l-ispjega li preparala l-accountant. Il-Kunsill approva u nfurmat li ser ikunu qed jintbgħatu lil NAO. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

## 25.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

## 25.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

## 25.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

25.8.1 Jannar/Frar 2026

**Il-Kunsill aġġorna għat-tlieta 17 ta' Marzu 2026 fil-17.00hrs**

**IFFIRMATA**

Olaf McKay
Sindku

**IFFIRMATA**

Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv